**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Johann J Fenech]**

**vs**

**Antoine Caruana**

**Kumpilazzjoni Numru: 410/08**

**Illum, 11 ta' April, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antoine Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 520877(M).

Akkuzat talli:

> Fil-14 ta' Settembru 2007, ghall-habta ta' 6.10 hrs fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq il-vettura tal-marka Hyundai Stellar bin-numru tar-registrazzjoni KAM803, ikkaguna il-mewt ta' Benedetto Camilleri miz-Zejtun, li dak il-hin kie nqed jaqsam l-istess triq.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imputat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta u datata tlettax (13) ta' Marzu 2012 fejn l-imputat instab hati fuq l-akkuzi kif kienu dedotti kontrih;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell presjeduta mill-Imhallef David Scicluna datata tletin (30) ta' April 2014 fejn is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta giet revokata u b'hekk l-atti regghu intbaghtu lilha sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruhha;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat sitta (6) ta' Mejju 2014 fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz stante li kienet ippronuncjat ruhha u ghalhekk kollox intbaghat lura lid-Direttur tal-Qrati Kriminali sabiex tigi riassenjata skont il-ligi;

Rat illi din il-kawza giet riassenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fejn immedjatament fl-ewwel seduta u cioe` fit-tnejn (2) ta' Gunju 2014, intalbet korrezzjoni mill-prosekuzzjoni fl-att tal-akkuza fejn ix-xahar tal-akkuza inbidel minn Novembru ghal Settembru u ghalhekk id-data korretta tal-incident de quo kellu jkun "14 ta' Settembru 2007";

Rat illi d-difiza talbet sabiex l-imputat jerga' jigi notifikat bl-akkuza kif korretta u jidher illi hu gie formalment notifikat b'din l-akkuza fit-tnejn (2) ta' Marzu 2015;

Rat illi f'dan l-istadju id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni;

Semghet xi xhieda rigward il-mertu izda fil-kumplament saret l-ezenzjoni mid-difiza li din il-Qorti terga' tisma ix-xhieda gja` prodotti quddiem il-Qorti diversament presjeduta u dan fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu 2015; u

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Illi dawn il-proceduri gew mibghuta mill-appell wara li l-ewwel decizjoni giet revokata sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruhha rigward id-data zbaljata fl-akkuza. Illi wara li din id-data fl-akkuza giet emendata tqajjmet mid-difiza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi din il-kawza hija bazata fuq l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula:

> *"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq xi haga, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jehel, meta jinsab hati-*
>
> *(a) jekk minhabba f'hekk tigri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225;"*

L-Artikolu 225(1) li jittratta fuq omicidju involontarju jistabbilixxi l-piena ta' mhux aktar minn erba' (4) snin prigunerija jew il-multa ta' mhux izjed minn hdax il-elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

Illi skont l-Artikolu 688 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li l-ammont ta' preskrizzjoni ghal reati ta' anqas minn erba' (4) snin u mhux anqas minn sena hija ta' hames snin (5).

Ghaldaqstant jidher car illi mid-data tal-erbatax (14) ta' Settembru 2007 sad-data ta' meta l-imputat gie notifikat bl-akkuza kif korretta u cioe` fit-tnejn (2) ta' Marzu 2015 il-perjodu ta' hames snin kien certament ghalaq. Illi certament m'ghandiex tapplika d-data meta originarjament gie notifikat l-ewwel darba l-imputat ghaliex dik kienet notifika ta' akkuza erroneja u ghalhekk ma applikatx u dan anke kif gie ritenut fis-sentenza tal-Appell.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tiddikjara dawn il-proceduri preskitti kif inghad hawn fuq, tillibera lill-imputat Antoine Caruana mill-akkuzi kif dedotti kontrih.

___________________________________

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**